Nru. 18,235
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 24 ta' April, 2008
Thursday, 24th April, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 346

ATT XXI TA' L-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TA' l-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKOND id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV ta' l-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat ma' l-istess Gazzetta, skond l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-24 ta' April, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 346

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

24th April, 2008

Nru. 347

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI REGOLAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 347

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL PUBLIC HEALTH REGULATION

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Richard Zammit	Direttur Ġenerali - Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika *Director General - Public Health Regulation*	Saħħa *Health*	30.4–06.5.2008

L-24 ta' April, 2008

24th April, 2008

Nru. 348

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali approva li nhar is-Sibt, is-17 ta' Mejju 2008, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Corinthia Event Catering Ltd.

L-24 ta' April, 2008

No. 348

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Resources and Rural Affairs has approved that on Saturday, 17th May 2008, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of Corinthia Events Catering Ltd.

24th April, 2008

Nru. 349

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali approva li nhar is-Sibt, l-24 ta' Mejju 2008, il-Ġonna ta' l-Argotti, mis-1.00 p.m. 'il quddiem, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Birdlife Malta.

L-24 ta' April, 2008

No. 349

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Resources and Rural Affairs has approved that on Saturday, 24th May 2008, from 1.00 p.m. onwards the Argotti Gardens will be closed to the public and will be under the control of Birdlife Malta.

24th April, 2008

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf li l-Pitkalija se tiftaħ normali nhar il-Ħamis, l-1 ta' Mejju 2008, fil-ħinijiet tas-soltu kif ġej:-

Bdiewa	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Xerrejja	1.00 p.m. 'il quddiem
Pubbliku	4.00 p.m. 'il quddiem

L-24 ta' April, 2008

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Opening Hours of the Pitkali Market

The Director of Agriculture notifies that the Pitkali Market will be open on Thursday, 1st May 2008, during the usual hours, as shown hereunder:-

Farmers	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Buyers	1.00 p.m. onwards
The public	4.00 p.m. onwards

24th April, 2008

649

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Marzu 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 5949/07, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Alan Depasquale, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alan Depasquale ta' Sheldon, Flat 1, Triq F M Ferretti, Qajjenza, Birżebbuġa, fit-22 ta' Ottubru 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, filwaqt li tagħmel riferenza għall-ittra legali datata 2 ta' Ottubru 2007, u mibgħuta lilek minn Carmelo Pace b'referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-17 ta' Settembru 2007 f'Birżebbuġa, illi fih kont involut bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HAC 612, minnek assigurata mal-mittenti, u għall-fatt illi inti nqast milli tirreġistra claim in konnessjoni ma' l-istess inċident, tinformakom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi stante illi jidher kjarament illi inti kont taħti għall-akkadut, hija fiħsiebha tħallas lill-terzi involuti ġa msemmija, l-ammont ta' danni minnu reklamat.

Il-mittenti tinformak illi f'każ illi inti topponi tali pagament, hija xorta waħda jista' jkollha teffettwa l-pagament skond il-Liġi (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara tipproċedi kontra tiegħek b'kawża għall-ħlas ta' l-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha u l-interessi li hija tista' tiġi kundannat li tħallas għan-nom tiegħek.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 22 ta' April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 18th March 2008, in the records of the judicial letter number 5949/07, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Alan Depasquale, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Alan Depasquale of Sheldon, Flat 1, Triq F M Ferretti, Qajjenza, Birżebbugia, on the 22nd October 2007, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the legal letter dated 2nd October 2007, and sent to you from Carmelo Pace regarding the traffic accident which occured on the 17th September 2007 in Birżebbugia, whereby you were involved with vehicle registration number HAC 612, insured by you with the interpellant, and for the fact that you didn't register a claim in connection with the same accident, informs you for all the purposes and effects of Law, that as it is clear that you were guilty of the said accident, the interpellant is going to pay the third parties involved already mentioned, the amount of damages claimed by them.

The interpellant informs you that if you oppose to such payment, it shall still may have to make such payment according to Law (Chapter 104 of the Laws of Malta) and after it will proceed against you by means of a law suit for the payment of the legal and judicial costs and interest that it has to pay on your own behalf.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of law especially but not exclusively of Chapter 104 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 22nd April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

650

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Marzu 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 888/08, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Deguara, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alfred Deguara (ID 539747M) ta' Monte Carlo Apartments, Apt. 3, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, fit-28 ta' Frar 2008, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5, Palace Square, Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €2,520.01 (Lm1,081.84) bilanċ għad-debitu fil-Loan Accounts tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 28th March 2008, in the records of the judicial letter number 888/08, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Deguara, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Alfred Degaura (ID 539747M) of Monte Carlo Apartments, Apt. 3, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, on the 28th February 2008, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Palace Square, Valletta, called upon so that within two day you pay the sum of €2,520.01 (Lm1,081.84) balance of debt in your Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 28th November 2007 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 22nd April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

651

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Frar 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogat għad-drittijiet tal-assigurat tagħha John Zerafa skond il-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni ta' Msida Road, Gżira, ippreżentaw Talba fil-31 ta' Mejju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jamal Ataher Aghill (Document No 267792) ta' 32, Triq Sir George Borg, Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €674.59 (Lm289.60) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet.

Il-kawża (477/07ISB) hija differita għat-30 ta' April 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 5th February 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of its insured John Zerafa, according to law and according to the insurance policy of Msida Road, Gżira filed a Claim on the 31st May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Jamal Ataher Aghill (Document No 267792) of 32, Triq Sir George Borg, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €674.59 (Lm289.60) which amount is due to the plaintiffs company.

With costs and interest.

The case (Claim Number 477/07ISB) is put off on the 30th April 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd April 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

652

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' April 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap.12)

It is hereby notified that by a decree of the 15th April 2008, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-4 ta' Marzu, 2008 fuq rikors ta' Paul Scerri et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2007 li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-propjetà hawn taħt deskritta.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 4th March, 2008 on the application of Paul Scerri et, Thursday, 26th June, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Nofs indiviż tal-fond numru 41/1 (ġa 52/1), Triq il-Ħerba, Birkirkara, sovrastanti propjetà ta' terzi, liberu u frank, stmat li jiswa €46,587 (Lm20,000).

1. Half undivided share of tenement numbered 41/1 (formerly 52/1), Ħerba street, Birkirkara, overlying third party property, free and unencumbered, valued at €46,587 (Lm20,000).

2. Nofs indiviż tal-fond numru 41/2 (ġa 52/2), Triq il-Ħerba, Birkirkara, sovrastanti propjetà ta' terzi, liberu u frank, stmat li jiswa €46,587 (Lm20,000).

2. Half undivided share of tenement numbered 41/2 (formerly 52/2), Ħerba street, Birkirkara, overlying third party property, free and unencumbered, valued at €46,587 (Lm20,000).

3. Nofs indiviż ta' l-arja tal-Blokki ta' Appartamenti bl-ismijiet Donna Court, Heathcliff Court, Brian Court u St. John's Court, Triq Horatio Nelson, Qawra, San Pawl il-Baħar, stmata li tiswa €168,880 (Lm72,500).

3. Half undived share of the air space of the blocks of apartments named Donna Court, Heathcliff Court, Brian Court and St. John's Court, Horatio Nelson Street, Qawra, St. Paul's Bay, valued at €168,880 (Lm72,500).

4. Garaxx mingħajr isem u numru, internament immarkat bin-numru 11, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, sottostanti propjetà ta' terzi, stmat li jiswa €13,976 (Lm6,000).

4. Unnumbered and unnamed garage, internally marked with number 11, Olaf Gollcher street, Birkirkara, underlying third party property, valued at €13,976 (Lm6,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' John (KI 774352M) u Carmen (KI 599458M) konjuġi Debono.

The said tenement is the property of John (ID 774352M) and Carmen (ID 599458M) spouses Debono.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-22 ta' Novembru 2007.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 22nd November 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Marzu, 2008.

Registry of the Superior Courts, this 13th March, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

653

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fis-16 ta' April, 2008 fuq rikors ta' Buttigieg Frances Suor. et. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tat-Tlieta, 7 ta' Novembru, 2006 Ċitazzjoni Numru 1177/02RCP li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Il-fondi 7, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar stmat li jiswa €163,056.14 (Lm70,000), u l-garage St. Joseph, St. Anthony Street, Żabbar, stmat li jiswa €209,643 (Lm90,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà tal-werrieta ta' Joseph u Rosa Buttigieg.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-15 ta' Frar 2007.

N.B. Il-propjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 16th April, 2008 on the application of Buttigieg Frances Suor. et., Thursday 26th June, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by a sentence given on Tuesday, 7th November, 2006 Case No. 1177/02RCP to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The property numbered seven, Main Street Żabbar, valued at €163,056.14 (Lm70,000), and the garage named St. Joseph, in St. Anthony Street, Żabbar, valued at €209,643 (Lm90,000).

The said tenement is the property of the inheritors Joseph and Rosa Buttigieg.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Ellul Vincenti on 15th February, 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 16th April, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

654

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2008 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, id-19 ta' Ġunju 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt

Flat internament markat numru tlieta (3), formanti parti minn blokk bla numru jismu 'St. Rita Court' ġa 'Elf Court' Block II, fi Sqaq il-Għadam, l-Imrieħel, Birkirkara, liema blokk jikkonsisti f'żewġ garaxxijiet u sitt flats sovraposti, liberu u frank, flimkien ma' sest indiviż (1/6) tal-partijiet komuni kollha tal-blokk, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa €39,599.35 (Lm17,000).

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Alfred (KI 435551M) u Giovanna sive Joan (KI 242456M) konjuġi Pisani.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Frederick C Doublet fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-4 ta' Ottubru 2000.

N.B. Il-propjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 16th April 2008 on the application of HSBC Bank Malta Plc (C3177) Thursday 19th June 2008 from 9.00am to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

Flat internally marked number three (3), forming part of an unnumbered block named 'St. Rita Court' formerly 'Elf Court' Block II, Bones Alley, Mrieħel, Birkirkara, which block consists of two garages and six overlying flats, free and unencumbered, with one sixth (1/6) undivided share of all common parts of the block, with all its rights and appurtenances valued at €39,599.35 (Lm17,000).

The said property bleongs to Alfred (ID 435551M) and Giovanna sive Joan (ID 242456M) spouses Pisani.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Frederick C Doublet, A&CE on the 4th October 2000.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 16th April 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

655

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-25 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' Mikelina Cachia (KI 809755M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Ottubru, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'sentenza tat-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

1. Il-fondi numru tmienja u għoxrin (28), Triq Marsaxlokk, Żejtun, liberu u frank, stmat li jiswa €74,540 (Lm32,000).

2. Nofs indiviż tal-fond bil-garaxx adjaċenti, preżentament formanti parti ntegrali mill-fond numru tmienja u għoxrin (28), Triq Marsaxlokk, Żejtun, inkluża l-arja u l-bini sovrappost għall-istess garaxx, stmat li jiswa €58,234 (Lm25,000).

3. Plot bin-numru sitta (6), mill-art magħrufa 'Tal-Qajjenza' limiti ta' Birżebbuġa, libera u franka, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka mitejn u tmienja u għoxrin metru kwadru (228m.k.), stmata li tiswa €41,929 (Lm18,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà tal-werrieta ta' Lorenzo u Lorenza Caruana.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Jos. M. Jaccarini fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-11 ta' Novembru 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' April, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25th February, 2008 on the application of Mikelina Cachia (ID 809755M), Thursday 2nd October, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION ordered by a sentence given on the 7th May, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Tenement numbered twenty eight (28), Marsaxlokk Street, Żejtun, free and unencumbered, valued at €74,540 (Lm32,000).

2. Half undivided share of the tenement having the adjacent garage, presently forming an integral part of tenement numbered twenty eight (28), Marsaxlokk Street, Żejtun, including the airspace and the building overlying the same garage, valued at €58,234 (Lm25,000).

3. Plot numbered six (6), from the land known as 'Tal-Qajjenza', limits of Birżebbuga, free and unencumbered, measuring approximately two hundred twenty eight meters squared (228m.s.), valued at €41,929 (Lm18,000).

The said tenement is the property of the inheritors Lorenzo and Lorenza Caruana.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Jos. M. Jaccarini on 11th November, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 16th April, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

656

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' April 2008, minn Juliette Attard, liema rikors iġib in-numru 204/2008, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-eredità ta' George Turner skond testment tiegħu datat 8 ta' Ottubru 1974, fl-atti tan-nutar Tonio Spiteri, cioè favur bintu l-mejta Valerie Cremona u cioè Juliette Attard, Felic Cremona Meteyard u Robert Cremona u dan fi kwota ta' parti waħda minn disgħa (1/9) kull wieħed u waħda minnhom; favur Karen Calleja, Jacqueline Manhennet, Helen sive Lana Turner u Odelle Vella Petroni, ulied il-mejjet James Turner li dan l-aħħar jiġi iben Giacomo sive James Turner (ħu d-decujus) u dan fi kwota ta' parti waħda minn tnax-il parti (1/12) kull waħda minnhom; u favur Cynthia Maria u Edward Turner u dan fi kwota ta' parti waħda minn disgħa (1/9) kull wieħed u waħda minhom; u favur l-eredità ta' Alice Bianchi, bint Edward Turner liema eredità hija regolata b'testment tan-Nutar Dott. Mario Rosario Bonello tat-22 ta' Lulju 2003

It is hereby notified that by means of application, filed, in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) on the 10th April 2008, by Juliette Attard,which application bears number 204/2008, whereby she asked for the opening of the succession of George Turner according to his will dated 8th October 1974, in the acts of Notary Tonio Spiteri, that is in favour of his daughter the deceased Valerie Cremona and that is Juliette Attard, Felic Cremona Meteyard and Robert Cremona and this in one ninth share each (1/9); in favour of Karen Calleja, Jacqueline Manhennet, Helen sive Lana Turner and Odelle Vella Petroni, children of the deceased James Turner who was the son of Giacomo sive James Turner (brother of the deceased) and this in a one twelth portion each (1/12); and in favour of Cynthia Maria and Edward Turner and this in one ninth share each (1/9); and in favour of the inheritance of Alice Bianchi, daughter of Edward Turner which inheritance is regulated by a will in the record of Notary Dr Mario Rosario Bonello of the 22 July

u dan fi kwota ta' parti waħda minn disa' partijiet (1/9) is-SUĊĊESSJONI ta' Eleonora sive Norah Fenech armla minn Enrico, bint il-mejtin James Turner u Therese neé Trapani, imwielda Sliema u mietet Pietà fit-23 ta' Lulju 1987 ta' 83 bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf minn kull min ikollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et. Seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' April, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2003 and this in one ninth share (1/9) the SUCCESSION of Eleonora sive Norah Fenech, widow of Enrico, daughter of the deceased James Turner and Therese neé Trapani, born at Sliema and died at Pietà on the 23 July 1987, aged 83 years, intestate and therefore the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22 April, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

657

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Jannar 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 25/07 NC, fl-ismijiet Fenech Bernice kontra Fenech Horace, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Horace Fenech, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar 2007, fl-ismijiet Bernice Fenech kontra Horace Fenech, ir-rikorrenti talbet biex il-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet li seħħ fl-20 ta' Frar 2000, huwa null u invalidu għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi a tenur ta' l-Att taż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta) kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni

Lista tax-Xhieda

Notifika: 22, Triq il-Qiegħa, Siġġiewi

Ir-Rikors Ġuramentat numru 25/07NC, fl-ismijiet Bernice Fenech kontra Horace Fenech jinsab diferit għat-22 ta' Mejju 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 22 ta' April 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court (Family Section), by means of a decree given on the 29th January 2008, in the records of the Sworn Application No. 25/07NC in the names Fenech Bernice against Fenech Horace, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Horace Fenech, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed the Civil Court First Hall on the 23rd January 2007, in the names Bernice Fenech against Horace Fenech, the appellant asked the defendant to state why this Honourable Court should not:

1. Decide and declare that the marriage between the parties celebrated on the 20th February 2000, is null and invalid for all the intents and purposes of law in terms of the Marriage Act (Cap. 255 of the Laws of Malta) as subsequently amended.

With costs, against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

List of witnesses

Service: 22, Il-Qiegħa Street, Siġġiewi

The Sworn Application Number 25/07NC in the names Bernice Fenech against Horace Fenech, has been put off to the 22nd May 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 22nd April 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*